

## INFORMAZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI

**Avviż maħruġ tal-Ministeru għall-Ambjent tar-Repubblika Ċeka skont il-paragrafu 2 tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 94/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kondizzjonijiet għall-għoti u l-użu ta' awtorizzazzjonijiet għall-prospettar, esplorazzjoni u produzzjoni ta' idrokarburi**

(2022/C 426/09)

F'konformità mal-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 94/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kondizzjonijiet għall-għoti u l-użu ta' awtorizzazzjonijiet għall-prospettar, esplorazzjoni u produzzjoni ta' idrokarburi, il-Ministeru għall-Ambjent b'dan qed javża li rċieva applikazzjoni għal kunsens minn qabel għal proposta biex jiġi stabbilit is-sit ta' estrazzjoni Doubrava u Orlové I għat-tħaddim tad-depożitu tal-gass naturali assoċjat mas-saff tal-faħam Důl Doubrava (numru ta' reġistrazzjoni tad-depożitu 070100). L-applikazzjoni tirrigwarda żona poligonali ta' madwar 9,537211 km<sup>2</sup>. Iż-żona tinsab fiż-żona katastali tal-muniċipalitajiet ta' Horní Lutyně, Doubrava u Orlové, Karviná-Doly, Orlová u Poruba u Orlové fir-Reġjun ta' Moravia-Silesia (il-Grigal tar-Repubblika Ċeka).

B'referenza għad-Direttiva msemmija fit-titolu u għat-Taqsima 24 tal-Att Nru 44/1988 dwar il-protezzjoni u l-isfruttament tar-riżorsi minerali (l-Att dwar l-Estrazzjoni), kif emendat, il-Ministeru għall-Ambjent tar-Repubblika Ċeka jstieden lil persuni ġuridiċi jew fiżiċi awtorizzati li jwettqu attivitajiet ta' estrazzjoni (entitajiet kontraenti) biex jissottomettu applikazzjoni kompetittiva għal kunsens minn qabel biex jiġi stabbilit sit ta' estrazzjoni fiż-żona delinjata hawn fuq.

L-awtorità kompetenti biex tiegħu d-deċiżjoni hija l-Ministeru għall-Ambjent. Il-kriterji, il-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 5(1) u (2) u l-Artikolu 6(2) tad-Direttiva huma stabbiliti bis-sħiħ fil-leġiżlazzjoni Ċeka fl-Att Nru 44/1988 dwar il-protezzjoni u l-isfruttament tar-riżorsi minerali (l-Att dwar l-Estrazzjoni), kif emendat.


L-applikazzjonijiet jistgħu jitressqu matul id-90-il jum wara l-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u għandhom jintbagħtu lill-Ministeru għall-Ambjent fl-indirizz li ġej:

RNDr. Martin Holý  
ředitel odboru geologie  
Ministerstvo životního prostředí  
Vršovická 65  
100 10 Praha 10  
IR-REPUBBLIKA ĊEKA

L-applikazzjonijiet li jaslu wara l-iskadenza ta' dan il-perjodu mhux se jiġu kkunsidrati. Se tittieħed deċiżjoni dwar l-applikazzjonijiet mhux iktar tard minn 12-il xahar wara l-iskadenza ta' dan il-perjodu. Aktar informazzjoni hija disponibbli fuq talba mid-dipartiment tal-ġeoloġija tal-Ministeru permezz tal-indirizz elettroniku martin.holy@mzp.cz.

ANNEX

Żona Speċjali tal-Estrazzjoni Proposta ta' Doubrava u Orlové I



M 1:18 000

(Estratt mill-mappa definittiva [ZM] 15-441)

